

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Magna Tat-tiftix Tal-Identifikatur Ewropew Tal-Każistika \(ECLI\)](#)  
> [Informazzjoni ġenerali u termini u kundizzjonijiet](#)

## Informazzjoni ġenerali u termini u kundizzjonijiet

Is-Servizz ta' tiftix tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI)

### 1. Farsa ġenerali

L-interfaċċa ta' tiftix tal-ECLI hija servizz provdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea b'kollaborazzjoni mal-fornituri tal-każistika parteċipanti. Il-Kummissjoni għamlet dan is-servizz disponibbli biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'kuntest transfruntier billi tippermetti liċ-ċittadini tal-UE u lill-professjonisti legali jsibu faċilment każistika li jkun fiha identifikatur ECLI, skont il- [Konklużjonijiet tal-Kunsill li jitolbu għall-introduzzjoni tal-identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza \(ECLI\) u sett uniformi minimu ta' metadejta għall-ġurisprudenza.](#)

### 2. Termini u Kundizzjonijiet

Bl-użu ta' dan is-servizz inti taqbel li tintrabat bit-termini u ċ-ċaħda rigward il-privatezza applikabbli għall-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja. Tista' tikkonsultahom [hawnhekk](#).

### 3. L-użu ta' cookies

L-użu ta' cookies fil-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja huwa spjegat [hawnhekk](#).

### 4. Mistoqsijiet Frekwenti

Mistoqsija: Minn fejn ġejja d-dejta?

Tweġiba: Il-każistika li jkun fiha identifikatur ECLI tingħata kemm direttament mill-qrati u t-tribunali li jipparteċipaw, kif ukoll mill-organizzazzjonijiet u l-korpi ta' pubblikazzjoni, kif indikat fis-sistema.

Mistoqsija: Għaliex is-servizz huwa limitat għal pajjiżi u/jew qrati/organizzazzjonijiet partikolari?

Tweġiba: Għalissa mhux l-Istati Membri kollha tal-UE introduċew l-istandard ECLI fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, id-disponibilità tal-każistika tal-ECLI titlob interkonnnessjoni teknika mal-interfaċċa ta' tiftix tal-ECLI fuq il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja. Qed naħdmu fuq bażi kontinwa biex nestendu l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz f'termini ta' kopertura.

Mistoqsija: It-tiftixa ssir f'ħin reali?

Tweġiba: Iva, t-tiftixa ssir f'ħin reali. Madankollu, d-deċiżjonijiet tal-każistika huma indiciżzati f'intervalli regolari (normalment darba kuljum) u għalhekk is-sistema tista' ma tagħtix dejjem riżultati aġġornati dwar l-aħħar deċiżjonijiet ta' każistika, anke jekk dawn ikunu diġà ppubblikati mill-organizzazzjoni tal-ħruġ.

Mistoqsija: Qed nesperjenza diffikultà teknika / is-servizz mhux disponibbli, tistgħu tirranġawh?

Tweġiba: Ma nistgħux niżguraw id-disponibilità 24/7 tas-servizz. Jekk tesperjenza nuqqas ta' disponibilità tas-servizz sistematiku jew kwistjoni teknika oħra tista' tinnotifikana u l-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex tirrettifika l-problema malajr kemm jista' jkun.

Mistoqsija: Jiena organizzazzjoni pubblika/privata li tippublika deċiżjonijiet ta' każistika u nixtieq nipprovdi dejta għall-interfaċċa ta' tiftix tal-ECLI fuq il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja. Huwa possibbli?

Tweġiba: Iva, dan jista' jkun possibbli. Jekk jogħġbok ikkuntattjana u nagħtuk aktar informazzjoni dwar il-proċeduri organizzattivi u tekniċi.

Mistoqsija: Jeżisti servizz tal-web disponibbli li jippermettili nftitex deċiżjonijiet tal-ECLI b'mod awtomatizzat?

Tweġiba: Iva, aħna nesponu servizz tal-web ibbażat fuq il-protokoll ta' aċċess ta' oġġett uniku (SOAP) għal dak l-iskop partikolari. Jekk jogħġbok ikkuntattjana u nagħtuk aktar informazzjoni dwar il-modalitajiet organizzattivi u tekniċi.

Mistoqsija: Meta jkolli mistoqsija oħra, jew ideat dwar kif jista' jitjieb is-servizz, lil min nista' nikkuntattja?

Tweġiba: Jekk jogħġbok ara hawn taħt.

## 5. Informazzjoni ta' kuntatt

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja u s-servizz ta' tiftix tal-ECLI huma ġestiti mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea.

Għal mistoqsijiet dwar dan is-servizz, biex tirrapporta ħsara teknika jew biex tagħti suġġerimenti, tista' taqbad magħna permezz tal-email fuq: [JUST-E-JUSTICE@ec.europa.eu](mailto:JUST-E-JUSTICE@ec.europa.eu)

■ L-aħħar aġġornament: 21/11/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.